MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-12 ta' Ġunju, 2020

Appell Inferjuri Numru: 228/2016/1 LM

**Kevin Attard (K.I. 188869M) f'ismu proprju u in rappreżentanza tas-soċjetà Customs and Freight Agency Limited (C 17475)**
***(L-appellanti)***

***vs.***

**S.A. Sales Limited (C 55182)**
***(L-appellata)***

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mill-atturi, hawnhekk appellanti, **Kevin Attard** (K.I. 188869M) f'ismu proprju u in rappreżentanza tas-soċjetà **Customs**

**and Freight Agency Limited** (C 17475), mis-sentenza mogħtija fit-30 ta' April, 2019 (minn issa 'l quddiem "is-sentenza appellata"), mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (minn issa 'l quddiem "l-ewwel Qorti"), li permezz tagħha ddeċidiet li:

> *"Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta u tiddikjara illi l-attur Kevin Attard ma għandux interess ġuridiku li jippromwovi din l-azzjoni u tillibera għalhekk lis-soċjetà konvenuta mill-osservanza tal-ġudizzju kwantu għall-istess attur;*
>
> *Tiċħad it-tieni u t-tielet eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta;*
>
> *Tilqa' parzjalment it-talba attriċi billi filwaqt illi tiddikjara illi s-soċjetà attriċi pprestat diversi servizzi lis-soċjetà konvenuta fuq struzzjonijiet tagħha, tillikwida l-ammont dovut bħala ħlas għal dawn is-servizzi fis-somma ta' elfejn u ħames mitt euro (€2,500) u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta illi tħallas lis-soċjetà attriċi l-istess somma ta' elfejn u ħames mitt euro (€2,500), bl-imgħax mid-data tas-sejħa ġudizzjarja li saret permezz tar-Rikors promutur, ċioe l-14 ta' Settembru 2016, u b'hekk tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha tas-soċjetà konvenuta safejn huma inkompatibbli ma' dak hawn deċiż."*

## Fatti

2. L-attur proprio et nomine istitwixxa proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fejn talab li jiġi likwidat favur tiegħu l-ammont ta' tnax-il elf, tliet mija u disgħin Euro (€12,390), u dan għal servizzi varji pprestati mis-soċjetà Customs & Freight Agency Limited lis-soċjetà konvenuta, hawnhekk appellata **S.A. Sales Limited**.

3. Is-soċjetà konvenuta wieġbet li l-attur għandu jindika lill-Qorti x'inhu l-interess tiegħu f'din il-kawża. Intqal ukoll li l-attur istitwixxa dawn il-proċeduri

wara tilwima li kellu mad-direttur tas-soċjetà konvenuta, u li kien sussegwentement għal dan it-tilwim li l-attur beda jivvanta pretensjonijiet għall-ħlasijiet allegatament dovuta lilu. Is-soċjetà konvenuta ħadet il-pożizzjoni li ladarba l-ħlas pretiż qiegħed jintalab fil-kuntest ta' 'servizzi' oħra li l-attur u l-kumpannija rappreżentata minnu dejjem tħallsu tagħhom, l-ebda ammont mhuwa dovut lilu.

**Mertu**

4. L-attur istitwixxa dawn il-proċeduri wara li interpella lis-soċjetà konvenuta għall-ħlas tal-ammont ta' tnax-il elf, tliet mija u disgħin Euro (€12,390), għal servizzi varji li ġew reżi permezz tal-kumpannija Customs & Freight Agency Limited. L-attur jgħid li fost is-servizzi pprestati kien hemm is-servizz ta' *clearance* ta' xogħol mid-Dwana, l-ipproċessar ta' dokumenti tad-Dwana, xogħol ta' konsulenza li għalih baqa' ma sarx ħlas, fosthom għal *interviews* li huwa għamel lil impjegati prospettivi tas-soċjetà konvenuta, kif ukoll safar li huwa għamel flimkien mad-direttur tas-soċjetà konvenuta. Kevin Attard spjega fix-xhieda tiegħu, li minkejja li huwa qatt ma kien iħallas għall-biljetti tal-ajru jew għal xi spejjeż oħra marbuta mas-safar li huwa kien jagħmel flimkien mad-direttur tas-soċjetà konvenuta, meta r-relazzjoni ta' ħbiberija u r-relazzjoni kummerċjali li l-partijiet kienu kkultivaw bejniethom tul is-snin sfaxxat, huwa ħass li kellu jibgħat kont finali sabiex jitħallas għad-diversi servizzi pprestati minnu. Fil-*breakdown* tal-ispejjeż pretiżi minnu, l-attur spjega

li huwa qiegħed jippretendi (i) il-ħlas ta' elf Euro (€1,000) għal kull safra li kellu jagħmel, għal total ta' tmint elef Euro (€8,000); (ii) il-ħlas ta' disa' mitt Euro (€900) għal servizzi ta' konsulenza, korrispondenza u traduzzjonijiet; (iii) il-ħlas ta' erba' mitt Euro (€400) għall-assistenza mogħtija minnu meta s-soċjetà konvenuta ġiet investigata mill-*Economic Crimes Unit;* (iv) il-ħlas ta' sitt mitt Euro (€600) għal servizzi ta' reklutaġġ u *vetting* ta' CVs ta' impjegati prospettivi; (v) il-ħlas fl-ammont ta' sitt mitt Euro (€600) għal rapporti u laqgħat miżmuma minnu rigward ir-ristrutturar tal-kumpannija bl-isem ta' Max Diner Limited li d-direttur tagħha kien l-istess Antoine Agius, direttur tas-soċjetà konvenuta.

5. L-ewwel Qorti semgħet ukoll ix-xhieda ta' Saviour Agius, iben id-direttur tas-soċjetà konvenuta, li qal li Kevin Attard kien offra minn jeddu sabiex jagħmel l-*interviews* tal-impjegati, u kienu saħansitra ntużaw l-uffiċini tas-soċjetà Customs & Freight Agency Limited għal dan l-iskop. Dan ix-xhud spjega li kull meta Kevin Attard kien jakkumpanja lil missieru fuq vjaġġi barra minn Malta, kien jagħmel dan bħala ħabib, u missieru kien jieħu ħsieb iħallas l-ispejjeż kollha marbuta ma' dan is-safar. Dan ix-xhud qal ukoll li l-*invoices* kollha li kienu jintbagħtu minn Customs & Freight Agency Limited lis-soċjetà konvenuta, dejjem kienu jiġu mħallsa.

6. L-ewwel Qorti semgħet ukoll lil Kevin Attard jispjega li kull meta kien isiefer mad-direttur tas-soċjetà konvenuta, huwa kien jagħmel dan bl-aspettattiva ta' ħlas, u r-relazzjoni tiegħu mad-direttur tas-soċjetà konvenuta

spiċċat meta dan kien infurmah li kien sab lil xi ħaddieħor li kien lest joffrilu l-istess servizzi bi prezz orħos. Id-direttur tas-soċjetà konvenuta, Antoine Agius, min-naħa tiegħu xehed li t-talba ta' Kevin Attard għall-ħlas li jippretendi li huwa dovut lilu saret biss meta l-partijiet kienu tlewmu bejniethom, u qabel intbagħtet l-*invoice* bil-pretensjoni għall-ħlas, ma kien hemm l-ebda tensjoni bejn il-partijiet. Huwa qal li qabel inqala' dan id-diżgwid, Kevin Attard qatt ma kien bagħat xi forma ta' fattura bi pretensjoni għall-ħlas, u l-partijiet lanqas ma kellhom xi ftehim formali bejniethom dwar il-modalità tal-ħlas għas-servizzi reżi.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

7. Permezz tas-sentenza mogħtija fit-30 ta' April, 2019, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta, iddikjarat li l-attur Kevin Attard m'għandux l-interess ġuridiku rikjest sabiex jippromwovi din l-azzjoni, u b'hekk illiberat lis-soċjetà konvenuta mill-osservanza tal-ġudizzju fil-konfront tal-istess attur; ċaħdet it-tieni u t-tielet eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta, filwaqt li laqgħet parzjalment it-talba attriċi billi ddikjarat li s-soċjetà attriċi pprestat diversi servizzi lis-soċjetà konvenuta fuq struzzjonijiet tagħha, illikwidat l-ammont dovut bħala ħlas għal dawn is-servizzi fis-somma ta' elfejn u ħames mitt Euro (€2,500) u kkundannat lis-soċjetà konvenuta tħallas dan l-ammont lis-soċjetà attriċi, bl-imgħax mid-data tas-sejħa ġudizzjarja li saret permezz tar-rikors promutur, jiġifieri mill-14 ta' Settembru,

2016. B'dan illi l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha tas-soċjetà konvenuta ġew miċħuda sa fejn dawn kienu inkompatibbli ma' din id-deċiżjoni. Din id-deċiżjoni ngħatat wara li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Illi din hija azzjoni għall-ħlas ta' serviġi mwettqin. L-attur Kevin Attard li qed jaġixxi f'din l-istanza kemm f'ismu proprju kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà attriċi Customs and Freight Agency Services Limited, jgħid illi oltre għas-servizzi ta' cargo handling u customs clearance regolarment prestati mis-soċjetà attriċi a favur tas-soċjetà konvenuta in konnessjoni mal-merkanzija impurtata minnha ġewwa Malta, huwa kien iwettaq fuq medda ta' diversi snin bosta servizzi għall-ġid u fl-interess tas-soċjetà konvenuta u fuq talba tagħha. L-atturi jgħidu illi ta' dawn is-servizzi ulterjuri huma baqgħu ma tħallsux.*
>
> *Kif ritenut mill-Qorti tal-Appell f'sentenza tas-26 ta' Jannar 2018[1], filwaqt illi wieħed irid jiddistingwi bejn sempliċi interess u interess ġuridiku f'kawża, huwa paċifiku illi l-eċċezzjoni tal-interess ġuridiku hija eċċezzjoni ta' natura perentorja u bħala tali hija sollevabbli f'kull stadju tal-proċeduri, anke fi stadju ta' appell, kif ukoll hija ta' portata tant serja fuq l-eżitu, li tista' tiġi sollevata ex officio mill-Qorti. Intqal hekk in propositu:-*
>
>> *"... l-interess jirradika d-dritt għas-smigħ tal-litigant. Mitluf dak id-dritt, jintilef l-obbligu għas-smigħ u għalhekk huwa kompitu tal-Qorti illi ġġib dan il-fatt 'il quddiem meta jirriżultalha 'l-bażi tal-azzjoni' huwa nieqes jew inkella ntilef fil-kors tal-kawża."[2]*
>
> *Ġie ritenut ukoll mill-istess Qorti fis-sentenza tagħha fil-kawża* ***Baldacchino vs Bellizzi et****:-*
>
>> *"... min jistitwixxi azzjoni jrid bilfors ikollu xi dritt – 'l'azione civile non può essere promossa che per far valere un diritto, e da colui a cui il diritto spetti. Mancando l'uno e l'altro di questi requisiti, l'azione è infondata ed inammissibile."*

---

[1] **Emily Stivala et *vs* Paola Tabone.**

[2] **Veronique Amato Gauci et *vs* Marco Zammit et,** Appell Ċivili (Inf.), deċiż 19 ta' Mejju 2004.

*L-attur Kevin Attard xehed illi huwa kien jagħti s-servizz tiegħu lis-soċjetà konvenuta bħala cargo handler għan-nom u fl-interess tas-soċjetà attriċi Customs and Freight Agency Limited li tagħha huwa direttur, liema kumpannija kienet tieħu ħsieb il-clearance mid-Dwana tax-xogħol importat mis-soċjetà konvenuta, inkluż ipproċessar ta' dokumenti u ħlas ta' taxxi u dazji. Xehed ukoll illi oltre għal dawn is-servizzi, hu 'personalment' kien jieħu ħsieb ukoll jagħti konsulenza lil Antoine Agius, id-direttur għan-nom tas-soċjetà konvenuta, u ta' dan ix-xogħol kien jitħallas ukoll mis-soċjetà konvenuta b'żieda mal-ħlasijiet li wkoll kienu jsiru mill-istess soċjetà konvenuta għas-servizzi ta' customs clearance.*

*Madanakollu, il-Qorti mill-ewwel tosserva illi l-invoice intestat lil S.A. Sales Limited (Dok. Z1) b'talba għall-ħlas tas-somma komplessiva ta' €12,390, ċioé l-ammont mitlub fir-rikors promutur, ġie maħruġ mis-soċjetà attriċi Customs and Freight Agency Limited mingħajr ebda indikazzjoni fuqu tal-isem tal-attur Kevin Attard. Dan ifisser illi t-talba għall-ħlas fl-imsemmi ammont saret, u kull ħlas eventwali jiġi perċepit minn Customs and Freight Agency Limited biss.*

*Din il-konklużjoni hija sorretta ulterjorment minn dak li stqarr l-attur Kevin Attard innifsu in kontro-eżami fis-seduta tal-10 ta' April 2018, meta qal illi lilu personalment ma huma dovuti l-ebda pagamenti mis-soċjetà konvenuta, u illi l-ammont li qed jiġi reklamat f'din il-kawża huwa kollu kemm hu dovut lis-soċjetà attriċi u qed jintalab f'isimha. Kevin Attard xehed hekk fir-rigward:-*

> *"Il-flejjes li qed nirreklamaw effettivament huma dovuti lis-soċjetà Customs and Freight Limited. Mhux lili personalment u dan għaliex ix-xogħol li jien offrejt kien ... waqt il-ħin tax-xogħol tal-kumpannija u għalhekk il-flejjes qegħdin jintalbu f'isem il-kumpannija."[3]*

*Din l-istess konklużjoni hija msaħħa wkoll mill-osservazzjoni illi għalkemm Kevin Attard meta xehed, qal illi s-soċjetà konvenuta kienet tħallas ukoll lilu personalment għal dawn is-servizzi minnu reżi, hu baqa' ma ressaq ebda prova kwalsiasi ta' xi pagament li sar lilu personalment mis-soċjetà konvenuta. Effettivament, is-soċjetà konvenuta rnexxielha turi permezz ta' prospett immarkat Dok. SAS a fol. 42, illi bejn is-snin 2013 u 2015, il-pagamenti kollha li għamlet għas-servizzi reżi mis-soċjetà attriċi saru direttament lill-istess soċjetà attriċi f'isimha. Din il-prova ma ġietx*

[3] Seduta 10 ta' April 2018.

*ikkontestata mill-atturi u konformement u fil-ġabra tal-kunsiderazzjonijiet kollha hawn magħmula, il-Qorti tqis illi l-attur Kevin Attard mhux talli ma seħħlux juri li għandu interess ġuridiku attwali, dirett u personali f'din l-azzjoni, talli l-interess tiegħu ġie eskluż b'mod assolut fl-affermazzjoni tiegħu stess in kontro-eżami fl-udjenza tal-10 ta' April 2018.*

*Għaldaqstant, il-Qorti ma tistax ħlief tqis illi l-interess tal-attur Kevin Attard fl-azzjoni odjerna huwa kompletament mankanti u konsegwentement ma għandux leġittimazzjoni attiva f'din l-azzjoni kwantu hija diretta fil-konfront tas-soċjetà konvenuta.*

***MERTU***

***It-Tielet Eċċezzjoni***

*Il-Qorti sejra f'dan l-istadju tittratta u tiddetermina t-tielet eċċezzjoni sollevata mis-soċjetà konvenuta.*

*Kif diġà stabbilit, din hija azzjoni għall-ħlas ta' servizzi allegatament prestati lis-soċjetà konvenuta.*

*Mill-provi mressqa f'din il-kawża, jirriżulta illi s-soċjetà attriċi topera fil-qasam ta' cargo handling u customs clearance iżda oltre dawn is-servizzi, hija ssostni illi prrestat lis-soċjetà konvenuta servizzi ulterjuri konsistenti f'konsulenza inter alia fir-reklutaġġ ta' impjegati ġodda, servizzi ta' interpretu u traduzzjoni, assistenza f'korrispondenza, pariri u attendenza f'diversi fieri barra minn Malta, kif imfisser fil-prospett Dok. Z li jagħti spjega ta' fhiex tikkonsisti s-somma reklamata f'din il-kawża u kif spjega ulterjorment Kevin Attard fid-diversi depożizzjonijiet tiegħu f'din il-kawża.*

*Wara li eżaminat l-atti, il-Qorti tosserva illi s-soċjetà konvenuta ma tikkontestax illi s-servizzi elenkati fil-prospett Dok. Z, ġew effettivament reżi u li hi bbenefikat minnhom, ħlief għal dawk is-servizzi allegatament reżi in konnessjoni ma' xi investigazzjonijiet imwettqa mill-Economic Crimes Unit. Madanakollu, is-soċjetà konvenuta ssostni illi dawn is-serviġi saru fil-kors ta' u kienu anċillari għas-servizzi ordinarjament imwettqa mis-soċjetà attriċi Customs and Freight Agency Limited, liema servizzi dejjem tħallsu regolarment u għalhekk ma huwa dovut l-ebda ħlas għalihom.*

*Il-Qorti mill-ewwel tqis illi din l-eċċezzjoni mhijiex siewja. Huwa evidenti min-natura tas-servizzi allegatament reżi mis-soċjetà attriċi mertu ta' din il-kawża, ċioé konsulenza dwar u parteċipazzjoni f'intervisti għal impjegati prospettivi, servizzi ta' interpretu u traduzzjoni u assistenza u attendenza ġewwa fieri barra minn Malta, assistenza f'korrispondenza u servizzi konnessi ma' ristrutturar tal-kumpannija Max Diner Limited fost oħrajn, mhux talli mhumiex ancillari, talli ma għandhom x'jaqsmu proprju xejn man-negozju prinċipali tas-soċjetà Customs and Freight Agency Limited liema negozju, kif diġà stabbilit u anke kif xehed l-attur Kevin Attard[4], jikkonsisti f'servizzi ta' cargo handling u customs clearance. Dan premess, il-Qorti tosserva illi s-soċjetà konvenuta ma wrietx kif dawn is-servizzi jistgħu jitqiesu li kienu jingħataw fil-kors tas-servizzi reżi mis-soċjetà attriċi in linea ta' cargo handling u customs clearance ġialadarba huwa evidenti, fil-fehma tal-Qorti, li mhuwiex normali li kumpannija tal-cargo handling tintrometti ruħha bħala parti normali tas-servizzi minnha offruti, fid-deċiżjonijiet li jittieħdu minn klijent tagħha fir-rigward tal-ingaġġ ta' impjegati prospettivi jew fl-attendenza għal fieri fl-esteru mhux relatati ma' cargo handling, jew fi kwistjonijiet relatati mas-set-up tal-klijenti tagħha u l-ħtiġijiet tal-istruttura interna tagħhom.*

*Barra minn hekk, is-soċjetà konvenuta lanqas ma rnexxielha tikkonvinċi b'mod sodisfaċenti kif u b'liema mod il-ħlas għal dawn is-servizzi kien inkluż fir-rati tas-servizzi ta' customs clearance, meta lanqas inġabet prova tar-rati tal-ħlas għas-servizzi normalment reżi mis-soċjetà attriċi, biex jintwera kif dawn ir-rati kienu jkopru wkoll xi servizzi ulterjuri.*

*Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi t-tielet eċċezzjoni hija infondata u għandha tiġi miċħuda.*

***<u>It-Tieni Eċċezzjoni</u>***

*Is-soċjetà konvenuta permezz tat-tieni eċċezzjoni tagħha, tfisser illi t-talba għall-ħlas permezz tal-proċeduri odjerni saret b'reazzjoni għall-proċeduri intavolati minnha[5] fil-konfront tas-soċjetà attriċi għal rifużjoni ta' spejjeż imħallsin indebitament, bil-għan illi tiġi newtralizzata kull eventwali kundanna għall-ħlas.*

---

[4] Seduta tat-30 ta' Novembru 2016.

[5] Rikors 90/2016, **S.A. Sales Limited *vs.* Customs and Freight Agency Limited.**

*Għalkemm ma jidhirx illi s-soċjetà konvenuta eċċepiet b'mod formali jew espress illi s-servizzi ġew reżi gratuwitament, din il-linja difensjonali hija evidenti mill-mod kif ġiet impostata din it-tieni eċċezzjoni fuq imsemmija, kif ukoll mix-xhieda tad-diriġenti tal-istess soċjetà konvenuta fil-kors tal-proċeduri odjerni u mill-provi l-oħra minnha prodotti.*

*Huwa għalhekk imperattiv illi qabel xejn jiġi stabbilit jekk is-servizzi li l-ħlas tagħhom qed jintalab f'dawn il-proċeduri, għandhomx jitqiesu li ġew prestati gratuwitament jew bi speranza ta' kumpens.*

*Fis-sentenza mogħtija fis-6 ta' Ottubru 1954 fil-kawża fl-ismijiet **Giuseppina Deidun et vs Emilia Poggi et**[6], il-pożizzjoni fir-rigward, ġiet kristallizzata b'dawn il-kliem:-*

*"**Il-prestazzjoni ta' serviġi mhix preżunta li tkun saret gratuwitament; u l-intenzjoni tal-gratuwità u r-rinunzja għall-kumpens ma għandhomx jiġu akkolti faċilment**. Il-preżunzjoni tan-'non gratuwità', fil-ġurisprudenza anterjuri ġiet sostitwita bil-preżunzjoni kuntrarja fil-każ ta' serviġi pprestati bejn parenti, fejn is-serviġi ġew ritenuti bħala prestati 'familiaritatis causa'. Imma fil-ġurisprudenza aktar riċenti, anki għar-rigward tal-parenti, ġie applikat il-prinċipju li kwalunkwe serviġi jiġu ritenuti prestati bi speranza ta' kumpens, jekk ma jikkonkorrux ċirkostanzi tali li jiġġusitifikaw konkludentement il-gratuwità, sija pure minħabba relazzjonijiet ta' parentela (P.A.3.10.1935, '**Mifsud vs Briffa**'; 12.12.1935, '**Farrugia vs Caruana**')".[7] (Enfasi ta' din il-Qorti)*

*Għalkemm il-bran fuq ċitat jittratta talba għall-ħlas ta' serviġi reżi bejn qraba bil-parentela, il-Qorti tqis illi l-istess prinċipji għandhom isibu riskontru anke fil-każ odjern fejn hemm sfond mhux biss kummerċjali iżda wkoll ta' ħbiberija bejn iż-żewġ partijiet, b'dan illi l-preżunzjoni f'dan il-każ għandha tkun favur in-non gratuwità tas-serviġi.*

*Fis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Joseph Portelli et vs Rik Limited**[8], ġie ritenut hekk:-*

---

[6] Prim Awla tal-Qorti Ċivili, Vol. XXXVIII.ii.568.
[7] Ara wkoll: **Mary Grace Attard et *vs.* Rosario Attard,** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Ottubru 1989 (Vol. LXXIII.ii.396); u **Alfred Caruana et *vs.* Paul Farrugia et**, deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 1996 (Vol. LXXX.iii.1280).
[8] 16 ta' Diċembru 2003.

> *"Huwa stabbilit li l-bażi ta' azzjoni għal servizzi mogħtija trieġi fuq żewġ sisien: jiġifieri fuq il-**kwasi kuntratt u fuq il-preżunzjoni li min jagħti servizz lil ħaddieħor jagħmel hekk bil-fehma li jitħallas ta' dak li għamel. Minbarra dan ilu żmien twil aċċettat li l-ħlas ta' serviġi jista' jkun dovut mhux biss jure actionis, jiġifieri meta huwa miftiehem, imma wkoll officio judicis, jiġifieri meta miċ-ċirkostanzi jkun jidher sewwa illi min ta' dak is-servizz ried li jitħallas tiegħu jew kien imwiegħed ħlas għalih.** Biex wieħed jasal biex jara jekk persuna kellhiex il-fehma jew l-istennija li titħallas għandu jitqies il-waqt meta jingħata tali servizzi, għaliex iċ-ċirkostanzi li jseħħu wara ma jservix biex joħolqu b'lura dritt ta' fehma li ma kinitx l-intenzjoni tal-partijiet li joħolqu." (Enfasi ta' din il-Qorti).*

*Għalkemm, kif ingħad, is-servizzi li għalihom qed jiġi reklamat il-ħlas f'din il-kawża, ma jidhirx li ngħataw fil-kors normali tan-negozju u servizzi ordinarjament reżi mis-soċjetà attriċi u ma hemm ebda prova lanqas li kien hemm xi ftehim formali għall-prestazzjoni ta' dawn is-servizzi, il-Qorti tqis illi n-nuqqas ta' ftehim formali mhijiex ta' xkiel għal sejbien ta' responsabbilità għall-ħlas ta' serviġi. Wara kollox, jinsab stipulat fl-Artikolu 1012 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta illi:-*

> *"Il-kwasi kuntratt huwa fatt leċitu u volontarju illi minnu toħroġ obbligazzjoni lejn persuna oħra jew obbligazzjonijiet tal-partijiet lejn xulxin."*

*Barra minn hekk, il-Qorti tqis illi biex titwaqqa' l-preżunzjoni li serviġi ngħataw bi speranza ta' kumpens, jeħtieġ illi min jallega li x-xogħol sar b'xejn irid iġib provi tajbin biżżejjed biex iwaqqa' din il-preżunzjoni u juri b'mod konvinċenti li l-intenzjoni tar-rimunerazzjoni kienet eskluża u illi s-servizz ma setax ġie pprestat ħlief gratwitament.*

*Kif ġie ritenut in propositu:-*

> *"Ma jistax ikun qatt dubitat in linea ta' prinċipju illi, sakemm il-prestazzjoni ma tkunx waħda gratuwita, min jippresta s-servizzi tiegħu taħt kwalsiasi forma, għall-vantaġġ ta' ħaddieħor, huwa intitolat li jiġi retribwit. Dan in omaġġ għall-prinċipju illi omnia labor, optat premium. Tenut rigward tal-elementi probatorji determinanti fil-każ konkret, jispetta lill-apprezzament għaqli tal-*

*Qorti fil-mertu, u lill-valutazzjoni libera tagħha, kemm għandu jkun il-kwantum ta' dik ir-retribuzzjoni ..."*[9]

*Stabbilit dan, il-Qorti ħadet konsiderazzjoni tas-segwenti fatti li jirriżultaw minn eżami tar-riżultanzi proċesswali, sabiex tiddetermina jekk l-insenjament fuq ċitat għandux isib riskontru wkoll f'dan il-każ tenut kont tal-fattispeċie partikolari tiegħu.*

*Ikkunsidrat;*

*Tas-servizzi prestati minnha fil-kors normali tan-negozju tagħha, jirriżulta illi s-soċjetà attriċi kienet tibgħat invoices regolari lis-soċjetà konvenuta, u għal diversi snin jidher li r-relazzjoni bejn iż-żewġ kumpanniji kienet waħda tajba u l-ħlasijiet dovuti lis-soċjetà attriċi kienu jsiru regolarment u mingħajr problemi.*[10] *Huwa evidenti wkoll illi d-diretturi tal-kumpanniji rispettivi, Kevin Attard u Antoine Agius, kellhom relazzjoni tajba ta' ħbiberija bejniethom u illi Kevin Attard kien jagħti konsulenza lil Antoine Agius għan-nom tas-soċjetà konvenuta f'diversi aspetti tan-negozju u ħidma interna tal-istess soċjetà. Effettivament, minn dak li xehdu Antoine Agius kif ukoll ibnu Saviour Agius jidher li mhuwiex kontestat illi Kevin Attard kien, b'mod ġenerali, jagħti konsulenza lil Antoine Agius f'diversi aspetti tal-ħidma tas-soċjetà konvenuta. Huwa stabbilit ukoll illi Kevin Attard ġieli siefer ma' Antoine Agius biex jattendi f'xi fiera barra minn Malta in konnessjoni man-negozju tas-soċjetà konvenuta, u illi l-istess soċjetà konvenuta kienet dejjem tħallaslu l-passaġġi u l-akkomodazzjoni kif ukoll spejjeż oħrajn anċillari mal-vjaġġ.*

*Is-servizzi ta' konsulenza mogħtija minn Kevin Attard għan-nom tas-soċjetà attriċi, sussegwentement ma baqgħux jintużaw mis-soċjetà konvenuta u r-relazzjonijiet bejn il-partijiet iddeterjoraw, u kien għalhekk li fis-sena 2016 Kevin Attard, fi kliemu stess, deherlu li kellu jibgħat kont finali. Jirriżulta illi fl-istess żmien, tqajmet ukoll vertenza bejn is-soċjetà attriċi u dik konvenuta, fejn din tal-aħħar sostniet illi s-soċjetà attriċi kienet ilha diversi snin, permezz tal-invoices mibgħuta lilha għas-servizzi ta' customs clearance, titlob il-ħlas ta' spejjeż li ma kinux qegħdin effettivament jiġu inkorsi minnha, bil-konsegwenza li s-soċjetà konvenuta allegatament ħallset lis-soċjetà attriċi ammont ta' flus sostanzjali fuq medda ta' diversi snin b'mod indebitu. Jirriżulta wkoll illi s-soċjetà konvenuta istitwiet proċeduri*

[9] **Nutar Remigio Zammit Pace *vs.* Sunrise Park Hotels Limited et,** Qorti tal-Appell (Inf.) 20 ta' Novembru 2009. Ara wkoll: - **Albert Calleja *vs.* Direttur Ġenerali tal-Qorti,** deċiża Qorti tal-Appell (Inf.), 6 ta' April 2005.
[10] Ara wkoll Dok. SAS a fol. 42 *et seq.*

*ġudizzjarji kontra s-soċjetà attriċi fejn talbet ir-rifużjoni ta' dan l-ammont allegatament imħallas indebitament, liema kawża qiegħda tinstema' minn din il-Qorti kif preseduta u qed tiġi deċiża permezz ta' sentenza mogħtija kontestwalment.*

*Ikkunsidrat;*

*Minkejja li Kevin Attard inizjalment xehed illi s-soċjetà konvenuta kienet tħallas għal dan ix-xogħol ta' konsulenza li kien jipprovdi a benefiċċju tas-soċjetà konvenuta b'żieda mas-servizzi regolari ta' customs clearance, mill-provi ma jirriżultax illi s-soċjetà konvenuta qatt intalbet jew effettwat xi ħlas għax-xogħol li għalih qed jintalab il-ħlas permezz ta' din il-kawża. Minn eżami tal-atti proċesswali, jirriżulta li s-servizzi li tagħhom qed jintalab il-ħlas imorru lura diversi snin, kif del resto kkonferma l-attur Kevin Attard innifsu; madanakollu, il-Qorti tosserva li ma ġew prodotti ebda invoices intestati lis-soċjetà konvenuta għall-ħlas ta' xi servizzi ta' konsulenza jew servizzi oħrajn reżi oltre dawk is-servizzi pprestati bħala parti min-negozju ordinarju tas-soċjetà attriċi. Effettivament, is-soċjetà konvenuta ssostni illi hija qatt ma għamlet xi pagamenti lis-soċjetà attriċi jew lil Kevin Attard għas-servizzi ta' konsulenza u assistenza mertu ta' din il-kawża, u meta eventwalment xehed in kontro-eżami, Kevin Attard ikkonferma illi s-soċjetà attriċi qatt ma bagħtet invoices lis-soċjetà S.A. Sales Limited qabel is-sena 2016, u illi lanqas Antoine Agius qatt talbu x'għandu jħallas għal dawn is-servizzi.*[11]

*Mill-provi jirriżulta wkoll illi qatt kien hemm xi ftehim milħuq bejn il-partijiet dwar ir-rati jew modalità tal-ħlas għal dawn is-servizzi. Minkejja li Kevin Attard fix-xhieda tiegħu qal illi Antoine Agius talbu jagħtih discount fuq ir-rati tiegħu meta kienu jsiefru flimkien, u b'hekk jagħti x'jifhem illi kien hemm ftehim jew almenu konoxxenza tan-naħa l-oħra dwar ir-rati tas-servizzi tiegħu, il-Qorti mhijiex konvinta illi qatt kien hemm ftehim bejn il-partijiet dwar ir-rati tal-ħlas għall-assistenza ta' Kevin Attard, la għall-vjaġġi barra minn Malta u lanqas għas-servizzi l-oħrajn prestati mis-soċjetà attriċi, oltre dawk formanti parti min-negozju ordinarju tagħha. Effettivament, meta xehed fl-24 ta' Mejju 2018, Antoine Agius ikkonferma illi ma kien hemm l-ebda ftehim bejn il-partijiet dwar xi ħlas li kellu jsir minħabba li Kevin Attard kien isiefer miegħu u skont hu, "... lanqas qatt ma tani x'nifhem li kien ser jibgħatli xi kont."*

[11] Ara xhieda fis-seduta tal-10 ta' April 2018.

*Il-Qorti, filwaqt li tifhem illi fin-nuqqas ta' ftehim dwar rati tal-ħlas ma hu ta' ebda ostakolu għall-pretensjoni għall-ħlas u meħud waħdu ma jistax jitqies li jegħleb il-preżunzjoni tan-non gratuwità tas-servizz, tqis ukoll illi minn dak li stqarr Antoine Agius huwa evidenti li huwa kien ben konsapevoli li l-preżenza ta' Kevin Attard fuq il-vjaġġi barra minn Malta konnessi man-negozju tas-soċjetà konvenuta, ma kinitx waħda gratuwita iżda li kien qed jippresta servizzi li jmorru oltre dak li kien mistenni minnu; fir-rigward, huwa xehed hekk: "Fil-fatt, fil-bidu kont ngħidlu x'irrid intih u kien jgħidli li dana kien parti mis-servizzi tiegħu lill-klijent."*[12]

*Kwantu għall-assistenza u konsulenza offruta minn Kevin Attard għan-nom tas-soċjetà attriċi f'xi aspetti tal-amministrazzjoni interna tas-soċjetà konvenuta u tan-negozju tagħha, Saviour Agius, wieħed mid-diretturi tas-soċjetà konvenuta u iben Antoine Agius, xehed illi Kevin Attard kien ħabib ta' missieru u illi missieru "kien iħabbat il-ħsibijiet tal-kumpannija ma' Kevin Attard". Hu qal illi Kevin Attard offra minn jeddu illi jipparteċipa fl-intervisti tal-impjegati prospettivi tal-kumpannija konvenuta, iżda imbagħad kompla jfisser illi d-deċiżjoni dwar l-eżitu tal-intervisti u r-reklutaġġ tal-impjegati, kienet tkun waħda konġunta bejnu u bejn missieru u Kevin Attard.*

*Meħud qies tal-premess, il-Qorti tifhem illi l-involviment ta' Kevin Attard għan-nom tas-soċjetà attriċi f'ċerti deċiżjonijiet tas-soċjetà konvenuta huwa inkompatibbli ma' preżunzjoni ta' gratuwità, multo magis meta wieħed iqis illi huwa evidenti sew mix-xhieda kif ukoll minn diversi dokumenti esebiti mill-atturi, senjatament korrispondenza skambjata permezz tal-posta elettronika bejn Antoine Agius jew Saviour Agius għan-nom tas-soċjetà konvenuta, u Kevin Attard*[13]*, illi b'mod ġenerali dawn is-servizzi ngħataw fuq talba tas-soċjetà konvenuta u mhux spontanjament minn Kevin Attard.*

*Barra minn hekk, il-Qorti ssib illi l-provi miġjuba ma jissostanzjawx l-eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta illi l-pretensjoni tas-soċjetà attriċi tressqet biss biex tevita l-ħlas reklamat minnha fil-kawża Rikors Numru 90/2016 u lanqas ma jissostanzjaw il-linja difensjonali tas-soċjetà konvenuta illi s-servizzi ġew prestati gratuwitament. Kif diġà stabbilit, l-allegazzjoni tas-soċjetà konvenuta illi s-servizzi ġew prestati bħala parti mis-servizz ta' customs clearance mogħti lill-klijenti tas-soċjetà attriċi, ukoll ma*

[12] Xhieda tal-24 ta' Mejju 2018.
[13] Vide *emails* formanti parti minn Dok. A kif ukoll Dok. Ċ.

*hijiex attendibbli jew verosimili. Għall-kuntrarju l-Qorti tirribadixxi illi jirriżulta b'mod ċar mill-provi illi bosta mis-servizzi li għalihom qed jiġi reklamat il-ħlas, ġew fir-realtà mitluba mis-soċjetà konvenuta u kienu neċessarji għaliha u għall-andament tan-negozju u l-ħidma interna tagħha. Effettivament, ma ġie prodott ebda dokument jew prova oħra li turi li s-soċjetà konvenuta pprotestat kontra l-għoti tas-servizz da parti ta' Kevin Attard jew infurmatu illi s-servizzi tiegħu ma kinux rikjesti.*

*Il-fatt li baqa' ma ntbagħatx kont għas-servizzi li qed jiġi allegat li ġew prestati, ukoll ma jwaqqax, fil-fehma tal-Qorti, il-preżunzjoni tan-non-gratuwità tas-serviġi: fil-każ odjern, dan in-nuqqas huwa faċilment spjegabbli bir-relazzjoni ta' ħbiberija li kienet teżisti bejn iż-żewġ diretturi, liema ħbiberija tispjega wkoll għaliex ma kienx hemm ftehim dwar ir-rati tal-ħlas għas-servizz. F'kull każ, il-qorti tqis ukoll illi l-fatt tal-ħbiberija mhuwiex inkompatibbli mal-preżunzjoni tan-non-gratuwità tas-servizzi, u kkunsidrati ċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ, tqis ukoll illi s-soċjetà konvenuta ma wrietx li jeżistu raġunijiet biżżejjed biex jikkonvinċu lill-Qorti illi Kevin Attard ippresta servizzi li jidher li saru għall-benefiċċju tas-soċjetà konvenuta, biss għaliex kellu għal qalbu l-ġid tal-kumpannija ta' sieħbu u mhux ukoll bl-intendiment ta' rimunerazzjoni.*

*Dawn l-osservazzjonijiet u ċirkostanzi kollha flimkien, magħdud il-prinċipju tal-ekwità, jikkostitwixxu għall-Qorti prova suffiċjenti li s-soċjetà attriċi hija intitolata tirċievi r-rimunerazzjoni mistħoqqa għal dawk is-servizzi li jista' talvolta jirriżulta li ġew minnha prestati a favur tas-soċjetà konvenuta, u dan in raġuni għall-massima omnia labor, optat premium.*

*Għaldaqstant, il-Qorti hija tal-fehma illi jekk jiġi pruvat sodisfaċentement illi s-servizzi speċifikament indikati mis-soċjetà attriċi fl-invoice Dok. Z1, ġew effettivament reżi, u dan a favur tas-soċjetà konvenuta, is-soċjetà attriċi tkun timmerita illi tiġi kkumpensata.*

*Ikkunsidrat;*

*Stabbilit għalhekk illi s-servizzi allegatament prestati a favur is-soċjetà attriċi hekk kif indikati f'Dok. Z u Dok. Z1 ma ġewx hekk prestati b'mod gratuwitu, u stabbilit ukoll illi ma kienx hemm ftehim formali dwar ir-rati tal-ħlas tas-servizzi in kwistjoni, il-Qorti tqis li għandha tgħaddi biex tikkunsidra liema mis-servizzi prestati, ġie ippruvat li ġew effettivament reżi a benefiċċju tas-soċjetà konvenuta, kif ukoll il-materja tal-kumpens li għandu jitħallas għas-servizzi hekk prestati.*

*Għalkemm jiġi osservat illi d-deskrizzjoni, f'Dok. Z u Dok. Z1, tas-servizzi li l-ħlas tagħhom qed jiġi riklamat, hija waħda ġenerali u pjuttost wiesa', il-Qorti wara li fliet bir-reqqa l-provi u t-testimonjanza tax-xhieda li xehdu f'din il-kawża, ftit għandha diffikultà tikkonkludi illi s-soċjetà attriċi tramite Kevin Attard, ipprestat servizzi mhux konnessi ma' u li jmorru oltre min-negozju prinċipali tal-istess soċjetà attriċi, u dan a benefiċċju tas-soċjetà konvenuta fuq talba tad-diriġenti tagħha.*

*Mill-atti jirriżulta wkoll illi s-servizzi li tagħhom qed jiġi riklamat il-ħlas ġew maqsumin mill-atturi fi tliet kategoriji ġenerali u in sostenn ta' dawn il-kategoriji ta' servizz, ġew esebiti diversi dokumenti:-*

***Dok. A*** *– dokumenti li juru li ngħatat konsulenza konnessa mar-ristrutturar tas-soċjetà konvenuta u konsulenza ġenerali rikjesta mill-istess konvenuta bħala assistenza f'ċerti aspetti tan-negozju tagħha;*
***Dok. B*** *– dokumenti li juru li ngħataw servizzi ta' assistenza u konsulenza fuq vjaġġi barra minn Malta konnessi man-negozju tas-soċjetà konvenuta; u*
***Dok. Ċ*** *– dokumenti li juru li ngħatat konsulenza konsistenti fl-iskrutinju ta' diversi curricula vitae (CVs) ta' impjegati prospettivi tas-soċjetà konvenuta, u parteċipazzjoni f'intervisti u deċiżjonijiet dwar reklutaġġ ta' impjegati tal-istess soċjetà konvenuta.*

***Dok. A***

*Dwar is-servizzi ta' konsulenza mertu tas-sett ta' dokumenti immarkat komplessivament bħala Dok. A, il-Qorti tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet.*

*Dawn is-servizzi ġew deskritti mis-soċjetà attriċi fl-invoice Dok. Z1 bħala "Sending of correspondences to suppliers including transactions" u "Assistance in restructuring of company including change of trading from Max Diner to S.A. Sales Ltd for fiscal purposes."*

*Skont il-prospett Dok. Z, is-soċjetà attriċi qiegħda titlob il-ħlas tas-somma komplessiva ta' €900 għas-servizz ta' "Correspondence and translations plus introductory letters", u s-somma komplessiva ta' €600 għas-servizz ta' "Report and meetings carried out for restructuring of company."*

*Rigward is-servizzi ta' konsulenza konsistenti fil-korrispondenza u traduzzjonijiet lill-fornituri tas-soċjetà konvenuta, jirriżulta manifestement minn Dok. A illi bejn is-snin*

*2013 u 2014, Kevin Attard kien jintalab regolarment jassisti u jagħti pariri lis-soċjetà konvenuta fuq materji varji konnessi man-negozju tagħha. Jirriżulta wkoll mill-email datat 30 ta' Awwissu 2014, illi Kevin Attard ġie mitlub jagħti konsulenza dwar il-bejgħ tal-avvjament tal-kumpannija S.A. Sales Limited.*

*Għalkemm il-parti l-kbira tal-korrispondenza esebita bħala parti minn Dok. A fiha biss ir-rikjesti da parti tas-soċjetà konvenuta għall-assistenza, pariri u konsulenza, il-Qorti hija konvinta li dan is-servizz ġie provdut fuq bażi regolari minn Kevin Attard f'isem is-soċjetà attriċi, tal-anqas matul il-perijodu fuq indikat.*

*Inoltre, anke billi l-quantum li ġie reklamat mis-soċjetà attriċi, fis-somma komplessiva ta' €900, ma ġiex speċifikament kontestat mis-soċjetà konvenuta, il-Qorti tqis illi din is-somma hija mistħoqqa u għandha titħallas lis-soċjetà attriċi.*

*Kwantu għas-servizz ta' konsulenza fir-ristrutturar tal-kumpannija, huwa minnu illi jirriżulta li kien tħejja rapport intitolat "Restructuring Survey for the Limited Liability Company Max Diner Limited" esebit bħala parti minn Dok. A, fejn ġie mogħti parir bil-miktub wara li saru diversi laqgħat u spezzjonijiet presumibbilment minn Kevin Attard (ir-rapport mhuwiex iffirmat), iżda ma jistax ma jiġix osservat illi dan il-parir ma ngħatax lis-soċjetà konvenuta iżda lil kumpanija oħra, bl-isem Max Diner Limited. Għalkemm ġie allegat illi dan is-servizz li ġie prestat wasal proprju sabiex il-kumpannija Max Diner Limited bidlet isimha għal S. A. Sales Limited, ma tressqet ebda prova illi effettivament dawn huma l-istess kumpannija u mhux żewġ kumpanniji differenti, kif issostni s-soċjetà konvenuta. Għalkemm huwa minnu li Saviour Agius xehed illi Max Diner bidlet isimha għal S.A. Sales, dan għall-Qorti mhuwiex biżżejjed biex jiġi ppruvat sal-grad li trid il-liġi li dawn huma l-istess kumpanniji multo magis meta l-istess soċjetà konvenuta tikkontendi illi Max Diner Limited u S.A. Sales huma effettivament żewġ kumpanniji distinti[14] u meta din il-prova kienet waħda li hija disponibbli u aċċessibbli u setgħet għalhekk tiġi faċilment prodotta mis-soċjetà attriċi. Konformement il-Qorti hija tal-fehma li s-soċjetà attriċi naqset milli tipprova sodisfaċentement sal-livell rikjest fil-liġi ċivili, ċioé on a balance of probabilities illi Kevin Attard għan-nom tagħha wettaq f'dan ir-rigward xogħol ta' konsulenza dwar ristruttura tas-soċjetà konvenuta nnifisha.*

*Kwantu għas-servizz ta' 'Assistance during economic crime investigations for importation of beer', għal liema servizz il-prospett Dok. Z jindika rimunerazzjoni*

[14] Ara wkoll xhieda ta' Antoine Agius fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2018.

*mitluba fis-somma ta' €400, għall-Qorti mhuwiex ċar fhiex kienet tikkonsisti l-prestazzjoni tas-soċjetà attriċi f'xi investigazzjonijiet li qed jiġi allegat li ġew kondotti mill-Economic Crimes Unit fl-operar tas-soċjetà konvenuta. Is-soċjetà konvenuta da parti tagħha, tikkontesta din l-allegazzjoni tas-soċjetà attriċi u tikkontendi illi Kevin Attard u s-soċjetà attriċi qatt ma kienu involuti jew taw xi assistenza in konnessjoni ma' xi investigazzjonijiet tal-Pulizija.*

*Għalkemm il-Qorti temmen illi kull servizz li jiġi reż għandu jiġi kkumpensat, tqis illi huwa inkombenti fuq l-attur biex jagħmel il-prova sal-grad rikjest mil-liġi fil-kamp ċivili li s-servizz li tiegħu qed jiġi reklamat il-ħlas, ġie attwalment reż, u dan billi jingħata t-tagħrif rilevanti sabiex dan is-servizz jista' jiġi identifikat. Iżda f'dan il-każ ma hemm xejn minn dan fl-atti. Ix-xhieda ta' Kevin Attard u l-fatt li s-soċjetà attriċi għoġobha tibgħat invoice wara kważi tliet snin għas-servizz minnha reklamat in konnessjoni ma' xi assistenza allegatament mogħtija fl-investigazzjoni msemmija, waħedhom ma jikkostitwixxux, fil-fehma tal-Qorti, prova suffiċjenti li s-servizz ġie reż, multo magis meta l-prestazzjoni ta' dan is-servizz ġiet speċifikament kontestata mis-soċjetà konvenuta.*

***Dok. B***

*Id-dokumenti formanti parti minn Dok. B jirrigwardaw is-servizzi konsistenti f'dik il-konsulenza deskritta f'Dok. Z1 bħala "Travelling to fairs and suppliers", ċioé l-attendenza u asssitenza ta' Kevin Attard fuq talba ta' Antoine Agius fuq vjaġġi barra minn Malta, inkluż fieri u laqgħat ma' suppliers, konnessi man-negozju tas-soċjetà konvenuta. Il-ħlas mitlub għas-servizzi mogħtija lis-soċjetà konvenuta f'dan ir-rigward, skont kif jirriżulta mill-prospett Dok. Z, huwa ta' €8,000 u dan għal tmien safriet li saru bejn l-2008 u l-2014 bir-rata fissa ta' €1,000 għal kull vjaġġ.*

*Is-soċjetà konvenuta tikkontendi illi l-preżenza ta' Kevin Attard fuq dawn is-safriet, għalkemm il-vjaġġi li tagħhom qed jiġi reklamat il-ħlas jidher li kienu konnessi man-negozju tas-soċjetà konvenuta, kienet dovuta unikament għall-ħbiberija bejn Antoine Agius u l-istess Kevin Attard u xejn iktar. Antoine Agius, meta xehed fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2018, qal hekk: -*

*"Fil-fatt, konna nsiefru flimkien mhxu għax kelli bżonnu. Għax konna ħbieb ta' veru."*

*Madanakollu, wara li rat id-diversi emails esebiti fir-rigward u dokumenti oħrajn formanti parti minn Dok. B, u wara li ħadet qies taċ-ċirkostanzi kollha il-Qorti ftit li*

*xejn għandha dubju illi effettivament Kevin Attard akkumpanja lid-diriġent tas-soċjetà konvenuta, Antoine Agius, fuq dawn il-vjaġġi u dan mhux biss għaliex kien ħabib tiegħu iżda wkoll għaliex il-preżenza u s-servizzi tiegħu kienu rikjesti u meħtieġa speċifikament mis-soċjetà konvenuta. Kevin Attard xehed hekk fir-rigward:-*

> *"U naturalment meta jiena kont insiefer miegħu s-Sur Agius kont ninfurmah li rrid ... nitħallas ta' dan is-servizz ... Qatt ma tajtu stima però naturalment ħadd ma jagħmel xejn ta' xejn ... Jekk jaħseb li jien kont insiefer miegħu għax nieħu gost insiefer, sejjer żbaljat."*[15]

*Kwantu għall-kumpens li għandu jiġi likwidat għas-servizzi konsistenti f'"Travelling to Fairs and Suppliers" il-Qorti tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:-*

- *Huwa inkontestat illi effettivament, l-ispejjeż kollha ta' Kevin Attard marbutin mal-vjaġġi, fosthom titjiriet, akkomodazzjoni u ikliet, kienu mħallsin dejjem mill-klijent ċioé s-soċjetà konvenuta;*
- *Għalkemm ma hemmx prova tal-perijodu ta' kull safra indikata f'Dok. Z, mill-emails li ġew esebiti jirriżulta illi dawn kienu jsiru fuq medja ta' jumejn jew tlett ijiem kull darba;*
- *Kevin Attard meta xehed, iddeskriva s-servizzi li kien jagħti lis-soċjetà konvenuta fuq dawn il-vjaġġi barra minn Malta, hekk:-*

  *"Ngħid li jiena wkoll tajt servizzi bħala konsulenza, korrispondenza u traduzzjonijiet kemm qabel sabiex nagħmel l-apputamenti relattivi kif ukoll wara biex nirringrazzjahom talli jkunu laqgħuna sabiex jiġi konkluż in-negozju li nkunu bdejna."*[16]

- *Iżda jiġi osservat illi s-soċjetà attriċi talbet ħlas separat għal "Correspondence and translations plus introductory letters" fis-somma ta' €900, liema somma kif stabbilit, hija mistħoqqa u dovuta.*

*Wara li ħadet qies tal-premess, il-Qorti hija tal-fehma illi s-servizzi prestati minn Kevin Attard meta akkumpanja lil Antoine Agius fuq vjaġġi barra minn Malta kompriża l-attendenza tiegħu ġewwa fiera konnessa man-negozju tas-soċjetà konvenuta u konsulenza rilevanti, ġew hekk reżi għall-vantaġġ tas-soċjetà*

---

[15] Xhieda tal-10 ta' April 2018.
[16] Xhieda tal-5 ta' Lulju 2017.

*konvenuta u għalihom huwa mistħoqq ħlas. Iżda, abbażi ta' dak premess, il-Qorti mhijiex konvinta illi r-rata fissa ta' €1,000 għal kull vjaġġ ta' jumejn jew tlett ijiem huwa raġonevoli; anzi tqis illi din hija eċċessiva. Miżmumin ferm il-konsiderazzjonijiet appena magħmula (il-fatt li l-vjaġġi saru fuq perijodu ta' jumejn jew tlett ijiem u li l-ispejjeż kollha kienu mħallsin mis-soċjetà konvenuta; is-servizzi reżi waqt il-vjaġġ), qiegħda tillikwida arbitrio boni viri rata ferm inqas minn dik mitluba, fis-somma ta' €500 għal kull vjaġġ.*

*Kwantu għall-vjaġġi individwali indikati f'Dok. Z, il-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet ulterjuri:-*

- *Skont kif jirriżulta mit-tliet tags esebiti bħala parti minn Dok. B, il-preżenza ta' Kevin Attard fil-fieri li saru ġewwa Pariġi (SIAL 2008), Londra (International Wine Fair 2009), u Barcelona (Alimentaria 2012), u l-konsulenza u servizzi oħra minnu prestati fuq dawn il-vjaġġi, saru fl-interess ta' kumpannija bl-isem Max Diner u mhux fl-interess tas-soċjetà konvenuta. Għajr għal dawn it-tags, ma jirriżultax li tressqet xi prova oħra in sostenn tas-servizzi reklamati in konnessjoni ma' dawn it-tliet vjaġġi. Għaldaqstant, il-Qorti hija tal-fehma illi t-talba għall-ħlas għas-servizzi li ġew prestati in konnessjoni ma' dawn it-tliet vjaġġi, ma tistax tiġi indirizzata b'suċċess fil-konfront tas-soċjetà konvenuta meta, kif ġie stabbilit, ma ġietx ippruvata l-allegazzjoni illi Max Diner Limited bidlet isimha għal S.A. Sales Limited u/jew illi dawn huma entità unika u mhux żewġ entitajiet differenti.*
- *Din l-istess konsiderazzjoni tapplika ugwalment għall-vjaġġi li saru bejn Istanbul u l-Ġermanja: dan għaliex skont kif jirriżulta mill-invoice*[17] *maħruġ minn B.A.S. Limited u l-korrispondenza relattiva skambjata permezz ta' email in konnessjoni ma' dawn il-vjaġġi li jidher li saru fi Frar tas-sena 2012 (formanti parti minn Dok. B), huwa evidenti illi l-preżenza ta' Kevin Attard fuq dawn il-vjaġġi u s-servizzi li huwa seta' ppresta, saru fl-interess tas-soċjetà Max Diner Limited u mhux is-soċjetà konvenuta S.A. Sales Limited.*
- *Kwantu għall-vjaġġi li hemm referenza għalihom fl-emails datati 12 ta' Settembru 2013 (Cologne) u 9 ta' Marzu 2014 (Italja), għall-Qorti jirriżulta sodisfaċentement illi Kevin Attard akkumpanja lil Antoine Agius fuq dawn il-vjaġġi b'attendenza għall-fieri fuq imsemmija (Anuga u Vinitaly,*

[17] Datat 27 ta' Frar 2012.

> *rispettivament). Madanakollu, għalkemm fil-prospett Dok. Z ġie indikat li kien hemm tliet vjaġġi b'kollox bejn l-Italja għall-fiera Vintaly[18], ma nġiebet ebda prova kwalsiasi mis-soċjetà attriċi illi Kevin Attard attenda għan-nom tagħha fuq żewġ vjaġġi oħra lejn l-Italja. La hemm xi korrispondenza esebita u wisq anqas xi tag li juri li effettivament Kevin Attard attenda f'din il-fiera f'okkażjonijiet oħra fl-interess tas-soċjetà konvenuta. Għalkemm huwa minnu illi Antoine Agius ma nnegax illi Kevin Attard kien isiefer miegħu biex jattendu flimkien f'dawn il-fieri, il-Qorti tqis illi xorta waħda s-soċjetà attriċi kellha l-oneru illi tressaq biżżejjed provi biex juru illi s-servizzi minnha reklamati ġew effettivament reżi, u dan għall-benefiċċju tas-soċjetà konvenuta u mhux għall-benefiċċju ta' terzi.*

*Għaldaqstant, billi ġie ppruvat illi s-soċjetà attriċi tramite Kevin Attard ipprestat servizzi konnessi ma' "Travelling to Fairs and Suppliers" a benefiċċju tas-soċjetà konvenuta f'żewġ okkażjonijiet biss, u b'applikazzjoni tar-rata ta' €500 għal kull safra, huwa dovut lis-soċjetà attriċi l-ammont totali ta' €1,000 għall-preżenza ta' Kevin Attard fuq il-vjaġġi li saru lejn l-Italja u lejn il-Ġermanja, u s-servizzi anċillari prestati minnu għan-nom tas-soċjetà attriċi.*

***Dok. Ċ***

*Kwantu għas-servizz ta' "Recruitment of Staff and Vetting of CVs"[19], ċioé l-iskrutinju ta' CVs u parteċipazzjoni f'intervisti għar-reklutaġġ ta' impjegati ġodda tas-soċjetà konvenuta, fis-snin 2013 u 2014, dan jinsab sorrett ampjament mid-dokumenti formanti parti minn Dok. C. Wara li rat id-diversi emails esebiti fir-rigward, u wara li ħadet qies taċ-ċirkostanzi kollha il-Qorti ftit li xejn għandha dubju illi effettivament Kevin Attard kien involut fir-reklutaġġ ta' impjegati tas-soċjetà konvenuta, billi kien jintalab jagħti u effettivament ta, pariri dwar is-CVs sottomessi minn impjegati prospettivi u kien jipparteċipa b'mod effettiv f'intervisti u d-deċiżjonijiet għar-reklutaġġ ta' dawn l-impjegati. Dan jirriżulta wkoll minn dak li xehdu Marianne Pulis u Odette Vella[20] li kienu jaħdmu mas-soċjetà konvenuta u li entrambe kkonfermaw l-involviment ta' Kevin Attard fl-impjieg eventwali tagħhom mal-istess soċjetà konvenuta. Ġie konfermat ukoll*

---

[18] "Italy Vini Italy x 3"

[19] Dok. Z1

[20] Seduta tat-18 ta' Ottubru 2017.

*minn Saviour Agius*[21] *illi kienu jintużaw l-uffiċini ta' Kevin Attard biex isiru l-interviews.*

*Is-soċjetà attriċi reklamat ħlas għal 'vetting of CVs, appointments for interviews including use of Offices in Luqa Road, Qormi'*[22] *fis-somma ta' €50 fis-siegħa għal total ta' tnax-il siegħa. Wara li l-Qorti fliet id-dokumenti kollha formanti parti minn Dok. C u d-depożizzjonijiet tax-xhieda li xehdu fir-rigward, hija konvinta illi din il-konsulenza ngħatat fuq bażi regolari tal-anqas fuq perijodu ta' ftit aktar minn sena, u illi konsegwentement is-sigħat ta' servizzi reklamati huma ġustifikati. Stabbilit ukoll il-parteċipazzjoni effettiva ta' Kevin Attard fil-proċess u deċiżjoni dwar ir-reklutaġġ tal-impjegati, tqis ukoll illi r-rata tal-ħlas reklamata fis-somma ta' €50 fis-siegħa hija raġonevoli u ġusta, u għalhekk hija dovuta s-somma komplessiva f'dan ir-rigward ta' €600.*

*Konformement ma' dak kollu fuq premess, il-Qorti tqis illi s-somma totali dovuta lis-soċjetà attriċi għas-servizzi kollha li ġew debitament ippruvati sodisfaċentement li ġew reżi għall-benefiċċju tas-soċjetà konvenuta, hija dik ta' elfejn u ħames mitt euro (€2,500)."*

## **L-Appell**

8. L-attur proprio et nomine ppreżenta l-appell tiegħu fl-20 ta' Mejju, 2019, fejn talab lil din il-Qorti sabiex:

*"... tirriforma s-sentenza appellata, tilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi fl-intier tagħha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjetà appellata."*

9. L-appellanti jgħidu li huma jħossu ruħhom aggravati bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti għaliex din naqset milli tevalwa l-provi miġjuba quddiemha, bil-konsegwenza li ngħatat deċiżjoni inġusta fil-konfront tal-appellanti. L-

[21] Xhieda tal-5 ta' Lulju 2017.
[22] Dok. Z.

appellanti jgħidu li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi meta ddeċidiet li l-attur f'ismu personali m'għandux l-interess ġuridiku rikjest sabiex jipparteċipa f'dawn il-proċeduri. Jgħidu ukoll li l-ewwel Qorti għamlet skrutinju mhux mitlub u mhux meritat dwar ir-reża tas-servizzi, kif ukoll meta hija minn jeddha għamlet kalkolu dwar kemm kellu jkun il-ħlas għal dawn l-istess servizzi. L-appellanti argumentaw li bid-deċiżjoni mogħtija mill-ewwel Qorti huma sejrin isofru minn inġustizzja manifesta minħabba li din m'għamlitx apprezzament tajjeb tal-provi. Huma sostnew li l-ewwel Qorti ma kellha l-ebda prova indikattiva li l-pagament li kien sejjer isir kien ser jiġi perċepit unikament mis-soċjetà Customs and Freight Agency Limited u mhux ukoll minn Kevin Attard personalment. L-appellanti qalu li wħud mis-servizzi li qiegħed jintalab ħlas tagħhom ingħataw minn Kevin Attard personalment, u huwa għalhekk li n-nuqqas ta' ħlas da parti tas-soċjetà konvenuta qiegħed jilledi l-jeddijiet tiegħu. L-appellanti sostnew li għalhekk l-ewwel Qorti kienet żbaljata meta minkejja li kkonċediet li s-servizzi ngħataw lis-soċjetà konvenuta, iddeċidiet l-attur pesonalment m'għandu l-ebda interess ġuridiku f'din il-kawża.

L-appellant proprio et nomine sostna li m'hemmx koerenza bejn il-konklużjoni li waslet għaliha l-ewwel Qorti meta l-ewwel stabbiliet li s-servizzi verament ġew ipprestati lis-soċjetà konvenuta, u wara għamlet skrutinju li ma ntalab minn l-ebda waħda mill-partijiet dwar l-ispejjeż reklamati mill-attur. L-appellanti qalu li l-ewwel Qorti marret oltre milli jmissha b'dan l-iskrutinju ladarba ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni dwar jekk is-servizzi ġewx reżi jew le.

L-appellanti sostnew ukoll li ma kienx jinkombi fuqhom l-oneru tal-prova dwar jekk is-servizzi ġewx reżi lis-soċjetà Max Diner Limited jew lil S.A Sales Limited. L-appellanti qalu wkoll li huma ma ntalbux jispjegaw fid-dettall x'tip ta' servizzi taw meta ntalbu jassistu fl-investigazzjoni li saret mill-Economic Crimes Unit. Intqal ukoll li mill-provi joħroġ ċar in-ness li hemm bejn iż-żewġ soċjetajiet Max Diner Limited u S.A. Sales Limited, li effettivament huma t-tnejn ikkontrollati minn Antoine Agius, u li għalhekk l-ewwel Qorti ma kellha għalfejn titlob l-ebda prova ulterjuri sabiex tasal għall-konklużjoni li l-appellant Kevin Attard effettivament ippresta servizzi li bbenefikaw minnhom dawn iż-żewġ kumpanniji. L-appellant proprio et nomine jsostni wkoll li l-ewwel Qorti marret lil hinn minn dak eċċepit mis-soċjetà konvenuta meta għażlet li tottempera l-ispejjeż li qegħdin jintalbu mill-attur, stante li dehrilha li l-ammont mitlub kien esaġerat, u insista li kull min jippresta servizz, għandu dritt jiffissa hu l-prezz tiegħu.

## Ir-Risposta tal-Appell

10. Fir-risposta tal-appell tagħha, is-soċjetà konvenuta tgħid li d-deċiżjoni mogħtija mill-ewwel Qorti hija ġusta u timmerita konferma. Intqal li kien Kevin Attard stess li ammetta quddiem l-ewwel Qorti li l-flus li qiegħed jirreklama huma dovuta lis-soċjetà Customs and Freight Limited u mhux lilu personalment. Intqal li meta l-attur insista li l-ħlas għandu jsir lilu

personalment, dan naqas milli jagħmel distinzjoni bejn il-fatt li huwa azzjonist u direttur tas-soċjetà appellanta, iżda s-servizzi pprestati minnu ngħataw waqt il-ħinijiet tax-xogħol u f'isem is-soċjetà Customs and Freight Limited. Intqal ukoll mis-soċjetà konvenuta li hija kkontestat it-talbiet attriċi sa mill-bidu nett ta' dawn il-proċeduri, u li l-konsiderazzjonijiet li għamlet l-ewwel Qorti huma riżultat ta' "evalwazzjoni metikoluża" u apprezzament tax-xhieda u l-provi kollha li tressqu quddiemha. Intqal li filwaqt li s-soċjetà konvenuta qatt ma nnegat li dawn is-servizzi ġew reżi lilha, hija dejjem ikkontestat il-ħlas mitlub minnha. L-appellata qalet ukoll li l-ewwel Qorti kienet korretta meta qalet li l-ebda ħlas mhuwa dovut minnha fir-rigward ta' servizzi reżi lil Max Diner Limited, li hija kumpannija kompletament distinta minnha. Is-soċjetà appellata sostniet li d-deċiżjoni mogħtija mill-ewwel Qorti kienet arġinata fil-parametri tat-talbiet u l-eċċezzjonijiet li tressqu mill-partijiet, u l-argument li l-ewwel Qorti ma setgħetx tiddikjara li l-ħlas pretiż mill-appellanti kien wieħed eċċessiv, huwa wieħed kompletament żbaljat, għaliex is-soċjetà konvenuta dejjem irritjeniet li mhux biss il-ħlas pretiż mill-attur proprio et nomine huwa wieħed esaġerat, iżda wkoll li tali ħlas lanqas biss huwa dovut. Intqal ukoll li minkejja li Kevin Attard iddikjara li l-pretensjoni tiegħu għall-ħlas kienet ibbażata fuq rata fissa li huwa jistabbilixxi għal kull klijent, huwa naqas milli jagħti prova ta' dan.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

11. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji tal-appellanti fid-dawl tar-risposta mogħtija mis-soċjetà appellata, kif ukoll fid-dawl tad-deċiżjoni tal-ewwel Qorti fir-rigward.

*L-ewwel aggravju:* *nuqqas ta' apprezzament tajjeb tal-provi li wassal għal deċiżjoni inġusta mill-ewwel Qorti*

L-appellant proprio et nomine jitlob lil din il-Qorti tagħmel rikonsiderazzjoni tal-provi miġjuba quddiem l-ewwel Qorti u dan għaliex skont hu l-ewwel Qorti naqset milli tagħmel apprezzament tajjeb ta' dawn il-provi. L-appellanti sostnew li l-ewwel Qorti m'għamlitx apprezzament korrett tal-provi meta ddeċidiet li Kevin Attard m'għandux l-interess ġuridiku rikjest sabiex jippromwovi l-azzjoni odjerna f'ismu personali, u jgħidu li l-Qorti tidher li bbażat ruħha fuq il-fatt li l-fatturi bit-talbiet għall-ħlas inħarġu f'isem is-soċjetà Customs and Freight Agency Limited u mhux f'ismu personalment. L-appellant Kevin Attard isostni iżda li xi servizzi mogħtija lis-soċjetà konvenuta ġew reżi minnu personalment, u huwa għandu interess morali li jassigura li jkun hemm ħlas għal kull servizz li ngħata lis-soċjetà konvenuta.

Il-Qorti tqis li mill-fatturi ppreżentati quddiem l-ewwel Qorti ma jifdal l-ebda ombra ta' dubju li s-servizzi pprestati lis-soċjetà konvenuta ġew reżi minn Customs and Freight Agency Limited u anki jekk Kevin Attard huwa l-azzjonist

ewlieni u d-direttur ta' din il-kumpannija, dan ma jfissirx li huwa għandu l-interess ġuridiku rikjest sabiex jippromwovi azzjoni ta' din ix-xorta f'ismu personali. Hawnhekk il-Qorti tqis li jkun ta' siwi li tagħmel riferiment għal deċiżjoni fl-ismijiet **Tarcisio u Grace konjuġi Rapa *vs* Winston Montanaro Gauci et**[23], fejn il-Qorti ċċitat minn diversi insenjamenti tal-Qrati tagħna dwar x'inhu li jikkostitwixxi l-interess ġuridiku meħtieġ minn persuna biex tista' tippromwovi azzjoni quddiem il-Qrati:

> "Wieħed irid jiddistingwi bejn "interess" u "interess ġuridiku" f'kawża. Kif jgħallem il-Mattirolo[24], l-interess ġuridiku jrid ikun akkumpanjat bi dritt:
>
> > "L'interesse è cosa essenzialmente distinta dal diritto, come l'utile è distinto dal giusto, l'azione compete soltanto a tutela dei diritti, l'interesse è la molla che la mette in esercizio. Quindi, se l'interesse è scompagnato dal diritto, non vi ha azione ..."
>
> Fis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili tal-15 ta' Lulju 1952 fil-kawża fl-ismijiet **Edgar Baldacchino et *vs* Rosie Bellizzi et**, ġie ritenut illi:-
>
> > "... min jistitwixxi azzjoni jrid bilfors ikollu xi dritt" – l'azione civile non può essere promossa che per far valere un diritto, e da colui a cui il diritto spetti. Mancando l'uno e l'altro di questi requisiti, l'azione è infondata e inammissibile."
>
> Kif ġie ritenut ukoll minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kawża fl-ismijiet **Avv. Dr Kenneth Grima noe *vs* Direttur tal-Kuntratti,** mogħtija fit-28 ta' Ġunju 2013:
>
> > "Il-liġi qiegħda hemm biex tħares dak l-interess li għandu dritt bħala bażi tiegħu. Huwa proprju għalhekk li jingħad li l-interess huwa l-miżura tal-azzjoni ("Il mezzo di titulare un diritto leso o immediatamente minacciato non può essere esercitato senza un interesse, essendo assiomatico che l'interesse è la

[23] Q.A. (Superjuri), 30.09.2016
[24] Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano, Torino 5ta Edizione, 1902.

> misura dell'azione ed è il motivo che giustifica l'accesso alle aule di giustizia" – Vol. XXV.I.506)."

Il-fatt li l-appellant Kevin Attard għandu, dak li huwa jiddeskrivi bħala "interess" jew "interess morali" li jassigura li l-ħlasijiet dovuti lis-soċjetà li tagħha huwa azzjonist ewlieni u direttur, jitħallsu lilha, ma jfissirx li huwa għandu l-interess ġuridiku rikjest sabiex jipproponi kawża għall-ħlas f'ismu personali. Bl-istess mod u b'analoġija, kwalunkwe kumpannija li tkun trid tiġbor flejjes dovuta lilha għal xogħol u servizzi pprestati minnha lil terzi, din tipproponi azzjoni quddiem il-Qorti f'isimha propju u mhux f'isem l-impjegati li jkunu pprestaw dak is-servizz jew wettqu dik il-biċċa xogħol. Il-Qorti tenfasizza li kull kumpannija, żgħira kemm hi żgħira, għandha personalità ġuridika distinta u separata minn dik tal-azzjonisti u d-diretturi tagħha. Għaldaqstant din il-Qorti tqis li l-ewwel Qorti kienet korretta meta qieset li Kevin Attard f'ismu personali m'għandux l-interess ġuridiku rikjest sabiex jippromwovi din l-azzjoni.

*It-tieni aggravju:* *Skrutinju dwar ir-reża tas-servizzi*

L-appellant isostni li l-ewwel Qorti marret lil hinn minn dak li hija kienet mitluba li tiddeċiedi dwaru meta fl-ewwel lok iddeċidiet li s-servizzi li tagħhom qiegħed jintalab il-ħlas verament ingħataw, iżda mbagħad għamlet analiżi dettaljata, ossija skrutinju, dwar dawn is-servizzi fiex kienu jikkonsistu u jekk il-ħlas li ntalab tagħhom kienx wieħed ġustifikat. Din il-Qorti hija tal-fehma li tali

"skrutinju" huwa dak li l-Qrati tagħna jintalbu jagħmlu kull darba li jiġu ffaċċjati b'talbiet għal-likwidazzjoni ta' flejjes li min jipproponi azzjoni ta' din ix-xorta jippretendi li jkunu dovuta lilu. L-aggravju tal-appellanti huwa bbażat fuq il-fatt li l-ewwel Qorti għamlet analiżi dettaljata tal-provi miġjuba mill-partijiet, sabiex waslet għall-konklużjoni li dawn is-servizzi verament ġew reżi mill-appellanti. Minkejja dan, l-appellanti jsostnu li l-ewwel Qorti ma kellhiex għalfejn tidħol fil-mertu dwar jekk is-servizzi ġewx reżi lil Max Diner Limited jew lill-kumpanija S.A. Sales Limited, u lanqas ma kellha għalfejn tagħmel analiżi dettaljata tal-ispejjeż reklamati mill-appellanti.

Din il-Qorti wkoll eżaminat bir-reqqa l-provi miġjuba f'din il-kawża, u lilha wkoll irriżultalha li parti sostanzjali mis-servizzi li qiegħed jintalab ħlas tagħhom mill-appellanti, ingħataw lill-kumpannija bl-isem Max Diner Limited, li d-direttur tagħha hu l-istess Antoine Agius. Minn dak li ġie reċitat fir-rikors tal-appell, jirriżulta bl-aktar mod ċar li l-appellanti wkoll iqisu li ż-żewġ kumpanniji, Max Diner Limited u S.A. Sales Limited, huma kumpanniji separati u distinti minn xulxin. Jirriżulta li l-appellanti pprestaw servizzi b'rabta mar-ristrutturar tal-kumpannija bl-isem Max Diner Limited, u għalhekk din il-Qorti mhijiex ma fehmitx x'kienet ir-raġuni għalfejn l-atturi appellanti ma pproċedewx ukoll kontra din il-kumpannija meta istitwew din il-kawża. L-ewwel Qorti assolutament kienet korretta meta qalet li dak li huwa dovut *ai termini* tat-talbiet li ġew avvanzati mill-atturi f'din il-kawża huwa l-ħlas tas-servizzi li ngħataw lil S.A. Sales Limited u mhux ta' kwalunkwe servizz li seta'

ngħata lil xi kumpannija oħra li d-direttur tagħha inzerta ukoll Antoine Agius. Għaldaqstant dan l-aggravju wkoll mhux qiegħed jiġi milqugħ.

*It-tielet aggravju: kwantifikazzjoni tal-ħlas għas-servizzi*

L-appellanti jgħidu li l-ewwel Qorti ma kellhiex tasal għall-konklużjoni li l-ammont pretiż minnhom huwa esaġerat jew mhux dovut, u dan għaliex skont huma ma tressqet l-ebda eċċezzjoni f'dak is-sens mis-soċjetà appellata fir-risposta tagħha. L-appellanti sostnew li kull min jipprovdi servizz għandu dritt jistabbilixxi r-rata ta' ħlas li jkun qiegħed jippretendi. L-appellanti jgħidu wkoll li l-ewwel Qorti ma mxietx mal-parametri ta' dak li ntalab minnha mill-partijiet fil-kawża meta ddeċidiet li tagħmel skrutinju tal-pagamenti mitluba.

Din il-Qorti ma taqbel xejn ma' dan l-argument tal-appellanti, u tirrileva li anki f'dan l-istadju tal-appell, sar apprezzament minnha tal-provi miġjuba quddiem l-ewwel Qorti sabiex tara jekk id-deċiżjoni li ngħatat kinitx ġustifikata jew le. Irid jintqal li din il-Qorti hija wkoll tal-fehma li l-ħlasijiet reklamati b'rabta ma' servizzi li ngħataw lil Max Diner Limited, inkluż spejjeż għas-safar li minnu bbenefikat is-soċjetà Max Diner Limited, m'għandhomx jiġu likwidati fl-ambitu ta' dawn il-proċeduri. Din il-Qorti ma tistax ħlief tqis li l-ewwel Qorti kienet korretta meta stabbiliet li s-soċjetà appellanta għandha tiġi kkumpensata għal żewġ safriet li minnhom ibbenefikat is-soċjetà konvenuta S.A. Sales Limited fl-ammont ta' elf Euro (€1,000), u li l-appellanti għandhom dritt ukoll jitħallsu l-ammont ta' disa' mitt Euro (€900) għal servizzi ta' konsulenza, korrispondenza

u traduzzjonijiet, u sitt mitt Euro (€600) oħra b'rabta ma' servizzi li ngħataw għar-reklutaġġ ta' impjegati mas-soċjetà appellata, sabiex b'hekk it-total dovut lis-soċjetà appellanta ġie stabbilit li huwa ta' elfejn u ħames mitt Euro (€2,500). Din il-Qorti tqis li l-ammont hekk likwidat huwa wieħed ġust u jimmerita konferma, u għaldaqstant qiegħda tiċħad ukoll dan l-aggravju.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi:**

1) **Tiċħad l-appell tal-attur proprio et nomine, u tikkonferma s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mogħtija fit-30 ta' April, 2019;**
2) **L-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi u dawk ta' din l-istanza jkunu a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**